MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2012

Numru. 35/2011

**Il-Pulizija**
(Spettur Frank Anthony Tabone)

**vs.**

**Alfred Axiak**

**Illum 10 ta' Lulju 2012**

**Kumpilazzjoni Numru 35/2011**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Alfred Axiak ta' disgha u erbgin (49) sena, iben Peter u Loreta nee Xuereb, imwieled ir-Rabat, Ghawdex, nhar it-28 ta' Marzu 1961, residenti fil-fond Numru 7, Triq Dun Guzepp Vella, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-

numru 16461G, akkuzat talli matul ix-xahar ta' Dicembru 2009, u fil-granet ta' qabel gewwa Ghawdex u gewwa dawn il-gzejjer, f'hinijiet differenti;

Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha,

Rat l-ordni tal-Avukat Generali (Dok. “C”).

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra l-istess.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissoni tal-imputat, il-fatt li huwa ammetta wara li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha, in-natura tar-reat migjub fil-konfront tieghu u l-fedina penali tal-istess imputat (li hija pratikament wahda nadifa).

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn millum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti u dana peress illi jirrizulta li ma gewx imqabbda l-ebda esperti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------